MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Numru 111/2002

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jean-Claude Agius ta' 26 sena, iben Alexander u Monica nne Lentini imwieled il-Pieta' fis-26 t'Awwissu 1975 u joqgħod Block P, Flat 3, Triq Helen Buhagiar, Santa Lucia u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 472375 (M)

2. Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Marzu, 2002 u matul l-aħħar tleit snin qabel dina d-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew lijipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapa 101 tal-Liġijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, mingħajr maz kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjonik maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern

skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Periolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

b) biegħ jew xort’oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża

ċ) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-diżpożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkolu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-egoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement amendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta **liema droga nstabet f’ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

d) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta **liema drog nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

e) kif ukoll talli xjentement laqa’ għandu jew xtra ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat għad-dannu ta’ Tania Lia mill-Hamrun;

f) Talli meta sab ħwejjeġ li kienu naqsu lil Tania Lia mill-Hamrun jew li dina kienet tlifet ma għarrfitx bihom fi żmien tlitt ijiem lill-Pulizija Esekuttiva;

**Aggravju**

Talli bħala uffiċjal pubbliku ikkommetta dawn ir-reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir tli jimpedixxi.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll li f'każ ta' ħtija jkun applikat l-artikolu 533 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat 4723 ta' l-1975, il-verbal a fol.4 reġistrat fit-13 ta' Mejju 2002 li fih il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101, (li tidher irrepetuta wkoll fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2006 a fol.123), il-ħatra tas-social worker Josette CAmilleri biex taħgmel rapport dwar l-imputat, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta' l-Avukat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-Proces-Verbal redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Abigail Lofaro intitolat 'Sejba ta' Droga fil-Lock-Up tal-Qorti, il-Belt Valletta fl-14 ta' Marzu 2002, ir-rapport ta' PS 659 Jeffrey Hughes u PS 602 Jonathan Attard, ir-relazzjoni mħejjija mill-Ispiżjar Mario Mifsud, ir-rapport imħejji mill-Probation Officer Carmen Nygard dwar l-imputat (fol.131 et), l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-16 t'April, 2002, u l-fedina penali ta' l-imputat,

5. Rat li fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2008, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ) u (d) u għall-aggravju li jidher wara l-imputazzjoni (f) iżda **mhux** għall-imputazzjonijiet (e) u (f).

6.Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

7. Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-abbli Uffiċjal Prosekutur u mill-abbli Avukat Difensur.

Ikkonsidrat

8. Li mill-istqarrija ġuramentata ta’ l-imputat tirriżulta spjegazzjoni dwar is-sejba tal-cannabis u ta’ l-eroina għand l-imputat u għal min kienet destinata. Jirriżulta wkoll li l-imputat kien hu stess jabbuża mill-cannabis u mill-eroina. Huwa ta d-dettalji kollha dwar x’kien bi ħsiebu jagħmel bid-droga.

9. Dwar il-portmoni li nstab huwa qal li xi xahar qabel kien għaddej raġel raġel minn Strada Stretta u l-imputat kien għadu duty għax kien hemm xi ġuri. Ir-aġel għarraf lill-imputat li kien sab il-portmoni u talbu jtellgħu l-għassa. Il-portmoni ma kienx fih flus u lanqas credit cards. Kien hemm l-ID card ta’ mara u wkoll xi ritratti. L-imputat tefgħu fil-kexxun u kien bi ħsiebu jikkonsenjah lil sidu personalment għax kien jafu. (Ara fol.20)

10. Is-Supretendent Harrison xehed kif li d-droga nstabet f’desk f’kexxun imsakkar li ien infetaħ b’ċavetta li kellu l-imputat. Instabu 23 gramma tal-kannabis kif ukoll 1.5 grammi eroina. (Skond ir-relazzjoni ta’ l-Ispiżjar Mario Mifsud 23.320 grammi cannabis u 1.631 grammi eroina). Din il-verżjoni hija mseddqa mix-xhieda mogħtija minn PC 213 Nicolai Borg (fol 75 et), PC 536 Jason Caruana u PC 10 Trevor Cassar Mallia (aara fol.95 et) li ddeskrivew kif seħħet it-tfittxija fl-uffiċju fejn kien ikun l-imputat u li kien hu stess li tahom iċ-ċwievet ta’ l-iskrivanija.

11. Mix-xhieda ta’ Samuel Ritchie jirriżulta li kien avviċinah Glenn Busuttil li kellu bżonn mitt lira Maltija għax allegatament kellu t-tifla ma tiflaħx. Dan ix-xhud sellef il-flus mitluba u ma kinex mgħarraf li dawn kienu meħtieġa minħabba d-droga. Insista biss li jkun hemm riċevuta. Lilu mbagħad kienu qalulu li kien mar raġel biex jiġbor il-flus.

12. Xehdet ukoll Gaetana Lia li ma kenitx taf jekk kenitx tilfet il-portmoni jew jekk dan kienx insteraq. Din xehdet li fil-portmoni kien hemm xi tmien lira Maltin. (fol.92) u ID Card. Hija kienet għarfet il-portmoni meta urewhulha d-

depot. Hi ma keinet għamlet ebda rapport dwar il-portmoni.

13. WPC 51 Louise Grech xehdet li l-imputat kien membru tal-Korp tal-Pulizija sa mis-6 ta' Ġunju 1995 u sa meta xehdet (19 ta' Mejju 2004) kien għadu fil-Korp iżda sospiż.

14. Xehed ukoll Joseph Camilleri li stqarr li Sammy Ritchie, li dak iż-żmien kien il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, kien ċempillu u kellha tmur mara b'tarbija u talbu biex isellifha Lm100. Filfattkien mar raġel u talbu jiffirmalu li ha l-mitt lra minħabba lix-xhud ried jiġbor il-flus lura. Lill-imputat ma kienx għarfu fl-Awla għaliex kien rah darba biss u hu kellu ħanutu jara ħafna nies. Ix-xhud kellu jagħti xi ħaġa tal-flus lil Sammy Ritchie minħabba xi senserija.Ix-xhud ma kienx jaf li l-flus kellhom x'jaqsmu mad-droga.

**Rapport tal-Probation Officer.**

15. Jirriżulta li l-imputat jirriżulta kellu trobbija tajba iżda meta kellu 16-il sena għamilha ma' ħbieb ħżiena. Kellu ħafna problemi u d-droga qabadha għax kien qed jaħdem ħafna. Spiċċa jmur ma sħabu li kienu ggradwaw iżda li bdew jieħdu d-droga mill-ġdid. (fol.129). Bħal issa kien qed jgħix ommu u kien clean. Lit-tfajliet li kellu kien jieħu ħsiebhom ħafna u qatt ma ħallihom neqsin minn xejn. Huwa qatt ma kien ġuvni għażżien. Huwa jagħti l-manteniment lit-tfal regolarment.

**Xhieda tas-Supretendent Neil Harrison**

16. Mix-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison jirriżulta li l-imputat kien għen lill-Pulizija b'mod sostanzjali u li l-imputat kien assita b'mod attiv. (Minħabba li l-Qorti trid tissalvagwardja (a) l-inkolumita' ta' l-imputat f'dan il-paragrafu; u (b) investigazzjonijiet li forsi għadhom għaddejin, mhux ser ikunu nkużi aktar dettalji dwar is-sehem importanti ta' l-imputat fil-koperazzjoni mal-Pulizija.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

17. L-ewwelnett ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ) (d) u l-aggravju wara l-imputazzjoni (f) dawn l-imputazzjonijiet u dan l-aggravju huma ppruvati skond il-Liġi.

18. It-tieni, dwar l-imputazzjonijiet (e) u (f), il-Qorti, wara li rat l-ispjegazzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tiegħu u semgħet ix-xhieda ta' sid il-portmoni, qed tikkonkludi li m'hemm ebda prova li l-imputat huwa ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet (e) u (f).

## Konklużjoni

19. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-artikolu 29 tal-Kap 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll l-artikoli 17(h), 141, 334(a)(b)(c) u 340(c) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ), (d) u l-aggravju ta' wara l-paragrafu (f) b'dan pero' li l-imputazzjoni (ċ) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) u l-imputazzjoni (d) assorbita fl-imputazzjoni (b) waqt li qed tilliberah mill-imputazzjonijiet (e) u (f).

20. Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat:

## Mil-Lat Negattiv

a) L-ammont involut: 23.320 gramma cannabis u 1.631 grammi eroina;

b) il-fatt li dawn kienu intiżi għal persuna li kienet isservi piena ta' priġunerija;

ċ) il-fatt li l-imputat kien qed iservi bħala uffiċjal li kellu jissorvelja sabiex ma tidħolx droga fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin

## Mil-Lat Pożittiv

a) Il-fedina penali nadifa ta’ l-imputat;

b)Li għandu jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101 u dan f’żewġ gradi;

ċ) Li wara li diġa’ kien hemm id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat kellu jgawdi mill-artikolu 29 – kif jidher mill-atti – **l-imputat xorta minn jeddu ta għajnuna oħra importanti lill-Pulizija li d-dettalji tagħha ma jkunx prudenti li jitniżżel minħabba li jistgħu jkunu preġudikati xi investigazzjonijiet u minħabba l-inkolumita’ ta’ l-istess imputat;**

d) Illi skond ir-rapport imħejji b’għaqal u b’reqqa mill-Probation Officer Carmen Nygaard, l-imputat irriforma ruħu, ħareġ mill-vizzju, qed jagħti manteniment lil uliedu, u baqa’ bieżel.

21. Wara li wiżnet dawn il-fattur kollha – kemm in-negattivi kif ukoll il-pożittivi, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ priġunerija ta’ ħmistax-il xahar u għall-ħlas ta’ multa ta’ 1400 Ewro (elf u erba’ mitt Ewro) liema multa tista’ tiħalls bir-rata ta’ 232 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk din il-multa jew parti minnha ma tiħallasx din tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro li ma jitħallasx.

22. Il-Qorti mhix ser tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 minħabba li l-esperti nħatru matul inkjesta li saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006.

23. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------